# KRISTU REBBIEH FUQ IX-XITAN
## Sfida Dejjem Zaghzugha.

**Marcello Ghirlando OFM**
**David Zammit**

**Edizzjoni Tau**
**Malta 1997**

# Dahla

Permezz ta' dan il-ktejjeb, Kristu Rebbieh fuq ix-Xitan, Sfida Dejjem zaghzugha, nixtiequ anke ahna ntennu l-Ahbar it-Tajba li Gesù Kristu hu tassew rebbieh fuq id-dnub u l-mewt, fuq ix-xitan. U dan bil-qawwa tal-grajja tal-Fidwa taghna li ssehh bil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu ghall-hajja.

Il-ktejjeb hu ndirizzat b'mod partikulari liz-zghazagh li mhux l-ewwel darba jistaqsu u jixtiequ jiccaraw l-idejat taghhom: fuq l-ezistenza tax-xitan fil-Bibbja, jekk huwiex veru jew le d-diskors kollu li jsir fuq is-satanizmu u l-okkult, li kull ma jmur donnu qed isir aktar popolari; kemm huwiex veru jew le li s-satanizmu u l-okkult jistghu joholqu rabtiet negattivi li jistghu jsiru jasar; x'inhu ezorcista u x'inhi t-talba ta' l-ezorcizmu; id-diskors fuq fejqan u helsien li toffri l-Knisja f'isem Gesù, anke fil-prezent.

Ir-rebha ta' Kristu fuq ix-xitan, fuq id-dnub u l-mewt, hi rebha attwali, issehh fil-prezent, illum, anke fil-hajja taz-zghazagh. Ir-rebha ta' Kristu tista' ssir verità, attwali fil-hajja ta' kull zaghzugh u zaghzugha li jaghzlu li jinhallu minn kull rabta negattiva u li jintrabtu u jghixu ma' Kristu llum. Ir-rebha ta' Kristu ghalhekk hi sfida, sfida dejjem zaghzugha ghal min irid jaghzel li jibni hajtu fuq l-Imhabba, fuq l-Imhabba li taf taghti sens lil hajja.

Dan il-ktejjeb hu frott il-fidi u l-hbiberija taghna, hbiberija u fidi li nixtiequ naqsmu minn qalbna ma' kull min jaqrah u ma' kull min irid igedded ir-rabta tieghu ma' Kristu l-Mulej, il-Feddej u l-hellies taghna. Ma Dak li *gie biex ixandar l-Bxara t-Tajba lill-fqajrin u biex iwassal il-helsien lill-imjassrin.*

Biex jintlahaq l-iskop ta' dan il-ktejjeb nipproponu li jinqara kollu kemm hu u kapitlu wara l-iehor. Dan ghaliex il-ktejjeb mhuwiex biss informattiv imma, nittamaw ukoll, formattiv.

Ghid il-Kbir 1997<br>
Marcello Ghirlando OFM<br>
David Zammit

# WERREJ

**I. X'tghidilna l-Bibbja**
(A) Ic-Centralità ta' Kristu
(B) Ix-Xitan Jezisti? - Riferenzi fl-Iskrittura
(C) L-Azzjoni ta' Satana

**II. X'tghidilna l-Knisja**
(A) Il-Knisja temmen fix-Xitan?
(B) L-Ezorcizmu fil-Knisja, il-bierah u llum
(C) It-Talba ta' l-Ezorcizmu
(D) Kelma fuq il-Ministeru tal-Fejqan u l-Helsien

**III. Satanizmu u Okkult**
(A) Harsa lejn l-Istorja
(B) Riti Satanici u Kriminalità Satanika
(C) Satanizmu u Magija
(D) Kelma ohra fuq l-Okkultizmu, is-Satanizmu, il-Magija u l-Ispiritizmu
(E) Rock Sataniku
(F) New Age
(G) Satanizmu fuq l-Internet

**IV. Iz-zghazagh quddiem din l-Isfida**
(A) Nirbhu l-Injuranza
(B) Ghaliex?
(C) Il-htiega li nkunu mahkuma mill-Ispirtu
(D) Is-Sbuhija tal-hajja Nisranija zaghzugha
(E) Il-Ministeru tal-Fejqan fost iz-zghazagh
(F) Kristu, l-Ahhar Kelma

Zjieda I: San Frangisk u x-Xitan
Zjieda II: Mistoqsijiet li jaghmlu lill-Ezorcista, minn zaghzugh.
Dizzjunarju Ckejken